Ir-Rokna ta' Valent

# Konsagrazzjoni ta' l-Artal

*Valent Chetcuti*



Meta missirijietna fis-seklu 17 lestew mill-bini tal-knisja li kienet l-aqwa ġojjell tal-ħolma tagħhom, bdew jaħsbu għal bżonnijiet li huma marbuta mat-tempju ta' Alla, kemm dawk li huma spiritwali u kemm dawk li huma materjali.

Bla dubju li l-ewwel ħaġa li ħasbu kienet għall-artal fejn jiġi ċċelebrat il-Misteru l-Kbir ta' l-Ewkaristija li fih il-ħobż u l-inbid, permezz tas-saċerdot, jinbidlu fis-sustanza u jsiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù Kristu. Għal dan il-għan irid ikollok post addattat fejn isir dal-misteru kbir li ħalliena Ġesù qabel miet..., l-Artal Imqaddes.

Naħseb li lkoll tafu li fil-knisja parrokkjali tagħna għandna għaxar artali li missirijietna, mill-faqar li kellhom, ħassew il-ħerqa li fejn ikun ċċelebrat il-Misteru ta' l-Ewkaristija (l-artal) jaħdmuh minn materjal xieraq għal dan is-Sagrifiċċju Qaddis.

Naturalment, l-ewwel li sar kien il-post ċentrali, l-Artal Maġġur. Mal-mogħdija taż-żmien, bdew isiru l-artali l-oħra tal-knisja. Maż-żmien, wieħed wieħed, kollha saru ta' l-irħam. Skond ix-xewqa tal-Knisja, kienet drawwa u għadha sa llum, l-artal għandu jkun ikkonsagrat lill-Mulej u għandu jkun irrispettat u miżmum tajjeb kull ħin u s-sena kollha, għaliex fuqu kuljum jiġġedded il-Misteru tal-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesù.



Il-ħofra ssiġillata tar-Relikwi tal-Qaddisin

Llum, fil-knejjes ġodda, l-artal maġġur biss issib. Imma fl-antik il-knejjes kien ikollhom ukoll altari fil-ġnub.

L-Artal Maġġur tal-Parroċċa tagħna kien ikkonsagrat fl-1823 u kienu ngħataw indulġenzi speċjali għall-quddies li jitqaddes fuqu. Dak iż-żmien Valent ma kienx hawn, iżda fuq il-konsagrazzjoni ta' l-artali li se nsemmi kont hawn u għadni nieħu ħsiebhom mill-aħjar li nista'.

Dawn l-artali huma tar-Rużarju, ta' San Mikiel, tal-Kurċifiss u ta' San Pawl. Din il-funzjoni tal-konsagrazzjoni kienet saret fit-18 ta' Jannar 1953, fi żmien meta l-Arċisqof tagħna kien Mons. Mikiel Gonzi.

Mela l-ewwel saret it-talba lill-Arċisqof, u l-kappillan Dun Ġużepp Minuti wrieh ix-xewqa kemm tiegħu u kemm tal-kleru u tal-poplu. L-Arċisqof talab lil Ruma u Ruma approvat din it-talba. Wara li kien għadda żmien mhux ħażin, Ruma bagħtet Relikwi biżżejjed lill-Arċisqof biex ikunu kkonsagrati l-erba' artali.

Min-naħa tagħna fil-knisja, fuq wiċċ kull artal ried isir xi xogħol. F'kull wieħed riedet titħaffer ħofra fin-nofs, xi żewġ pulzieri kwadri, u fl-erba' kantunieri ta' kull artal riedet isir forma ta' salib biex jinħaraq l-inċens fiha. Fil-ħofor riedu jitpoġġew u jkunu ssiġillati dawn ir-relikwi tal-qaddisin u l-martri li nġabu minn Ruma

Mela s-Sibt ,17 ta' Jannar 1953, dawn ir-relikwi, li kienu konservati fil-palazz ta' l-Arċisqof, inġiebu mill-kappillan u tpoġġew fil-knisja tas-Sorijiet tal-Bon Pastur. In-nies setgħu jmorru f'xi ħin jagħtu qima lil dawn il-fdalijiet tal-qaddisin.

Sebaħ il-Ħadd, 18 tax-xahar, u fit-8.30 a.m. ta' filgħodu ħarġet il-purċissjoni mill-Parroċċa. Stendardi, fratelli, qassisin u abbatini, u morna għand is-Sorijiet fejn kien hemm nofs in-nies tar-raħal jistennew. Ftit ħin wara l-Arċisqof wasal ukoll, b'żewġ Monsinjuri miegħu. Bdiet miexja l-purċissjoni lura lejn il-knisja, u qassis milli kien hemm żamm il-kapsola li kien fiha r-relikwi. Wasalna l-knisja, u dawn tqiegħdu fuq il-presbiterju, f'post fejn jarahom kulħadd.

L-Arċisqof libes l-ilbies tal-quddiesa u l-funzjoni bdiet. Kienet funzjoni twila ħafna, b'ħafna kant u talb, kollox bil-Latin.

Wara l-paniġierku l-Arċisqof beda bix-xogħol tiegħu. Mar fuq l-erba' artali wieħed wieħed. L-ewwel jidilku biż-żejt tal-Griżma, u kant u talb ma jispiċċa qatt. Wara jpoġġi l-biċċiet tar-relikwi f'dik il-ħofra fin-nofs li kien hemm ippreparata, u l-ħofra tiġi ssiġillata. Wara jinħaraq l-inċens f'dawk is-Slaleb, erba' f'kull artal, wieħed f'kull waħda mill-erba' kantunieri tal-mensa.

Issa jintmesaħ kollox minn fuq l-artal, u x-xugamani li ntużaw jinħarqu minħabba ż-żejt tal-Griżma li ntuża.

Wara dan imiss li nlibbsu l-artal. L-ewwel titqiegħed biċċa inċirata, wara tlitt itrieħi ta' l-għażel, korporal, żewġ xemgħat, kalċi, impulluzzi, leġiju u Missal, kollox ippreparat biex wara li tispiċċa l-Quddiesa l-Kbira tal-Konsagrazzjoni jitqaddsu erba' quddisiet, waħda f'kull artal.

U din ta' l-aħħar. B'dak l-inċens kollu li l-Arċisqof ħaraq fuq l-artali, qisek kellek sittax-il ċensier idaħħnu, kellna niftħu t-twieqi tal-koppla biex joħroġ xi ftit minnu, għaliex in-nies ma setgħux jieħdu nifs bid-duħħan ifuħ li mtliet bih il-knisja.

Kif spiċċat il-quddiesa tal-Konsagrazzjoni mill-Arċisqof Gonzi bdew erba' quddisiet, waħda fuq kull artal ikkonsagrat. Mid-disgħa ta' filgħodu spiċċajna fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar, u l-imqarrun li lestiet Manann sibnieh kiesaħ!!